FIL-PRIM AWLA QORTI CIVLI

Malta Police Union

Vs

Avukat Generali

**Protest tal-Malta Police Union RTU (Registered Trade Union) 302**

Jepsonu bir-rispett,

1. Illi l-esponenti taghmel referenza ghall-patteggjament u sussegwenti tnehhija tal-akkuza tal-attentat ta'qtil mil-atti tal-akkuza, awtorizzat mil-ufficcju tal-Avukat Generali fir-rigward ta' wiehed mil-akkuzzati tas-serqa fuq il-bank tal-HSBC li kien wkoll kien qed jigi akkuzzat bl-attent ta' qtil ta' numru ta' pulizija li kienu minn tal-ewwel fuq il-post.

2. Illi bhala Union li tirraprezenta bosta membri fi hdan il-korp tal-Pulizija, l-esponenti hija imhassba, konfuza u ddisgustata kif l-ufficcju tal-avukat generali seghta jasal ghal tali kompromess ma persuna li sfaccatament sparat dirett lejn membri tal-korp, specjalment billi l-akkuzza tal-attentat ta' qtil tal-pulizija ma baqghetx fl-atti tal-akkuza.

3. Illi l-esponenti jhoss li din ma hi xejn ghajr daqqa ta' harta ohra lejn l-membri taghha u l-membri tal-korp in-generali li jkunu minn tal-ewwel f'dawn l-okkazzjonijiet b'riskju kbir ghall-hajjithom u minkejja r-riskju car jaghmlu dan bi bravura. Illi carament l-ufficcju tal-avukat generali ma hax in-konsiderazzjoni l-hsara li se tkun qed issir lill-membri tal-esponenti moralment hekk kif l-messagg li wassal l-Avukat Generali b'dan il-pattegament u t-twaqqieh tal-akkuza tal-attentat ta' qtil ta' membri tal-korp, hu li jigi jaqa u jqum mil-fatt lil-membri tal-korp lesti jaghtu hajjithom ghall-glieda kontra il-kriminalita.

4. Huwa facli li minn wara skrivanija u b'daqqa ta' pinna taghmel patteggjament u tirtira l-akkuzza ta' attentat ta' qtil ta' membri tal-korp, ma min spara bosta tiri diretti fil-konfront tal-Pulizija li marru fuq il-post, liema incident halla impatt qawwi fuq l-istess membri tal-korp li ghadhom sal-lum jbatu minn problem ta' sahha minhabba l-incident. Dan huwa l-grazzi li ta' l-ufficcju tal-Avukat Generali lil-dawn il-Pulizija li l-esponenti tqis bhala eroj. Huwa ghalhekk li l-esponenti terga tistieden, bhal ma ghamlet fi stqarrija ftit jiem ilu, l-ufficcju tal-avukat generali sabiex d-darba li jmiss li jkun hemm incident simili tkun minn ta' quddiem u tippartecipa fl-iskambju ta' tiri li kien hemm.

5. Illi l-esponenti jhoss li bl-azzjoni tieghu, l-ufficcju tal-avukat generali wassal, biex il-membri tieghu kif wkoll tal-korp in-generali jinzlilhom l-moral biex jkunu minn ta' quddiem f'sitwazzjonijiet simili. Wassal wkoll biex numri ta' membri a-dirritura jitilqu mil-korp anke' whud f'karigi gholjin ghax jafu li mhumiex stmati, dan filwaqt li certament aktar persuni li kienu qed jittantaw kariera fil-korp tal-Pulizija jahsuba darbtejn jekk mhux tlieta sabiex jidhlu ghal tali kariera.

Ghaldaqstant l-esponenti qed izomm l-ufficcju tal-Avukat Generali minn issa responsabbli ghall kull danni ga-inkorsi jew li ghad jridu jigu inkorsi stante' l-azzjoni taghhom hawn fuq spjegata.

Avv. David Bonello
11, Balzan Valley,
Balzan
david@bonelloassociates.com

Notifika: Ufficcju tal-Avukat Generali – il-Palazz, Triq il-Repubblikka, Valletta